

**Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2018/C 466/07)



*Il-wiċċ nazżjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Belġju*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

**Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita:** Il-Belġju

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** Il-25 anniversarju tal-Istitut Monetarju Ewropew (IME)

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti ta' ġewwa, fuq il-lemin tal-munita juri l-wiċċ ta' Alexandre Lamfalussy, l-ewwel President tal-IME, b'ismu taħtu. Fil-parti ċentrali, fuq in-naħa tax-xellug, jidher l-akronimu EMI bis-sena 1994 fuqha, bħala riferiment għad-data tat-twaqqif tal-Istitut u l-ħatra ta' Lamfalussy bħala l-ewwel president tiegħu. Taħt l-akronimu "IME", jidhru diversi muniti fuq xulxin bl-iskrizzjoni €, "ECU" u "BEF" minn fuq għal isfel. Minħabba l-fatt li huwa ħruġ ta' munita Belġjana, intgħażel l-akronimu "BEF", li huwa l-akronimu tal-munita nazżjonali preċedenti tal-Belġju. Din ir-rappreżentazzjoni tissimbolizza t-tranżizzjoni tal-muniti nazżjonali għal munita unika Ewropea, l-euro, minħabba li l-oġġettiv ewlieni tal-IME kien it-twaqqif tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, inkluż il-BĊE u l-munita l-ġdida. Fil-parti ta' fuq in-naħa tax-xellug tal-munita tidher l-iskrizzjoni "Istitut Monetarju Ewropew".

Peress li z-Zekka Irjali Netherlandiża se tkun responsabbli għall-ħruġ tal-muniti, il-marka taz-zekka ta' Utrecht, il-bakketta ta' merkurju tidher fuq ix-xellug mal-marka tal-masru taz-zekka Belġjana, l-arma tal-muniċipalità ta' Herzele. Il-kodiċi tal-pajjiż BE u l-marka tas-sena 2019 jinsabu fil-qiegħ. L-inizjali LL jirreferu għad-disinjatur tal-munita, is-Sur Luc Luycx, u jidhru fuq il-lemin.

Id-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 155 000 munita

**Data tal-ħruġ:** Jannar 2019

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).